6 ta' Ottubru, 1951

Imħallef :

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Dottor Edoardo Cutajar, M.D. *versus* Teresa Xuereb et.

**Serviġi — Alimenti — Preskrizzjoni — Testment — Legat — Interruzzjoni.**

*Legat rimuneratorju mħolli mit-testatur bi ħlas tas-serviġi u alimenti li rrendietlu l-persuna gratifikata b'dak il-legat jammonta għal ammissjoni tad-dejn tat-testatur lejn il-persuna gratifikata għal dawk is-serviġi, u kwindi bħala rikonoxximent li jinterrompi l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni għall-ħlas ta' dawk is-serviġi; u dan anki jekk it-testatur wara jirrevoka t-testment li fih ikun sar dak ir-rikonoxximent. F'każ ta' revoka simili, dak ir-rikonoxximent għandu jinterrompi l-preskrizzjoni almenu sal-ġurnata li fiha t-testment ikun ġie revokat.*

Il-Qorti—Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi hu ppresta serviġi għal ħafna żmien lill-konvenuta Teresa Xuereb, u żammha f'daru u mantniha għal erba' snin u tmien xhur; u illi l-istess konvenuta Teresa Xuereb daħħlet il-kera tal-mezzanin tiegħu li jinsab ir-Rabat ta' Għawdex, Palma Street, u okkupat mingħajr ma ħallset, u għal żmien

daħħlet il-kera, tal-post tiegħu li jinsab Għawdex, Triq Rjali. Nadur, għaż-żmien li jirriżulta ma' tul it-trattazzjoni tal-kawża; u illi l-konvenuta Consiglia Abdilla, mingħajr kunsens tiegħu, ħadet mid-dar fuq imsemmija li tinsab in-Nadur l-għamara li huwa (l-attur) kellu hemm, u ġarritha fid-dar konjugali tagħha u ta' żewġha Andrea Abdilla, fejn tinsab tgħammar ukoll il-konvenuta l-oħra Teresa Xuereb; talab, wara li tiġi magħmula kull dikjarazzjoni neċessarja u jiġi meħud kull provvediment opportun, (1) illi l-konvenuta Teresa Xuereb tiġi kundannata tħallas lilu dik is-somma li tiġi likwidata minn din il-Qorti bħala kumpens għas-serviġi, anki professjonali, li huwa rrendielha għal ħafna snin, għall-manteniment u l-abitazzjoni li ssomministralha, għall-flus tal-kera li daħħlet mill-fondi ta' Għawdex fuq imsemmija, u għall-okkupazzjoni tal-fond in-Nadur, bl-imgħaxijiet legali mill-ġurnata tal-likwidazzjoni; (2) illi l-konvenuti kollha, jew min minnhom, jiġu kundannati jirrestitwixxu lilu, fi żmien qasir li jiġi prefiss mill-Qorti, dik l-għamara u oġġetti mobili oħra, proprjetà tiegħu, li huma, jew xi ħadd minnhom, ħadu mingħajr kunsens tiegħu mid-dar tiegħu n-Nadur, u li l-lum jinsabu fid-dar tal-konvenuti miżżewġin Abdilla fejn qiegħda tgħammar ukoll il-konvenuta l-oħra Teresa Xuereb, u fil-każ ta' nuqqas ta' din ir-restituzzjoni, jiġu lkoll, jew min minnhom, kundannati jħallsu lilu dik is-somma li tiġi likwidata mill-Qorti għall-valur ta' l-imsemmijin għamara u oġġetti mobili, bl-imgħax legali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-27 ta' Jannar 1948;

*Omissis;*

Ikkunsidrat fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti konjuġi Abdilla kontra t-talba ta' l-attur għall-kumpens għas-serviġi fuq imsemmija;

Dina l-eċċezzjoni ġiet sollevata fin-nota ta' l-istess konvenuti Abdilla fil-fol. 21 ta' l-inkartament u hija dik ta' ħames snin għall-alimenti, serviġi ordinarji u abitazzjoni, u dik ta' sentejn għas-serviġi professjonali. Għà ntqal li s-serviġi professjonali, minħabba fix-xorta tagħhom fil-każ preżenti, ġew kompriżi bħala ħaġa waħda mas-serviġi l-oħra; u għalhekk wieħed għandu jqis it-terminu tal-preskrizzjoni għas-serviġi kollha, u dik il-preskrizzjoni tista' biss tkun ta' ħames snin.

Din il-preskrizzjoni, iżda, ġiet interrotta mill-attur bl-ittra uffiċjali tiegħu tas-27 ta' Jannar 1948 għall-perijodu mis-27 ta' Jannar 1943 'il quddiem, u għaż-żmien ta' qabel ġiet interrotta mill-istess Teresa Xuereb bl-ammissjoni tagħha meta ordnat legat rimuneratorju favur l-attur fit-testment tagħha tal-24 ta' Jannar 1939 in atti Calleja Schembri, u tal-20 ta' Settembru 1943 in atti Bisazza. Il-fatt li dawn iż-żewġ testmenti ġew revokati b'testment ieħor tat-22 ta' Diċembru 1946 ma jneħħix dik l-ammissjoni, għalex, kif sewwa ssottometta l-perit in bażi għar-riflessjonijiet u ragunamenti minnu magħmula, ir-rikonoxximent ta' debitu kontenut f'testment għandu jopera, bħal kwalunkwe rikonoxximent ieħor, l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, anki jekk it-testment li fih dak ir-rikonoxximent ikun ġie magħmul jiġi revokat. "Si deve, secondo il diritto, ritenere che un simile riconoscimento contenuto in un testamento deve produrre i suoi giuridici effetti, tra i quali quello di interrompere il corso della prescrizione del diritto riconosciuto, per lo meno fino al giorno in cui il testamento contenente quel riconoscimento non sia revocato" (P.A., Vol. XIII, pag. 441). L-ammissjoni fil-każ preżenti ġiet magħmula per mezz ta' legat rimuneratorju, u għalhekk l-effett kollu tar-revoka tat-testment huwa li l-legat ma baqax iseħħ u sar bla effett, imma baqgħet ferma l-ammissjoni tat-testatriċi (Teresa Xuereb), magħmula f'dak it-testment, tad-debitu tagħha lejn l-attur;

*Omissis;*

Għall-motivi fuq esposti, wara li tilqa' f'kollox ir-relazzjoni peritali;

Tirrespingi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti kontra t-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra tagħhom;

Tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur, fis-sens illi tillikwida fis-somma ta' £298 il-kumpens lilu dovut għas-serviġi kollha indistintament reżi lil Teresa Xuereb, mantiment u abitazzjoni tagħha, u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lilu dik is-somma, bl-imgħax legali mil-lum, u tiċħad l-istess talba għall-bqija;

Tirrespingi t-tieni talba ta' l-attur;

L-ispejjeż relativi għall-ewwel talba jitħallsu nofs mill-attur u nofs mill-konvenuti; dawk relativi għat-tieni talba jitħallsu kollha kemm huma mill-attur.